**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 266/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**Dr Malcolm Mifsud a nom u in rappreżentanza tal-assenti RM**

**Vs**

**AM**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr Malcolm Mifsud a nom u in rappreżentanza tal-assenti RM datat 10 ta' Ġunju 2019, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżewġu fil-Knisja ta' Fatima Pieta nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (1977) u miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġt itfal Ar u Ax li llum maġorenni u indipendenti;*

*Illi l-partijiet isseparaw peremezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) (anness u mmarkat Dok A);*

*Illi l-partijiet ilhom erba' snin de iure separati;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u l-esponenti saħansitra jgħix barra mill-gżejjer Maltin;*

*Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi tul iż-żmien li l-partijiet ilhom jgħixu separatament, l-esponenti għadu jħallas is-somma ta' disa' mija, ħamsa u sittin ewro (€965) fix-xahar u sebgħa u ħamsin ewro (€57) bonus fuq il-pensjoni tal-gvern kull sitt xhur bħala manteniment versu l-mara;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' AM datata 2 ta' Lulju 2019, a fol 12, li taqra hekk:

1. *Illi hija ġiet notifikata bl-atti li għalihom qed issir din ir-risposta fil-26 ta' Ġunju 2019.*

2. *Illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal aktar minn erba' snin.*

*3.Illi huwa minnu illi r-rikorrenti qiegħed jgħaddi regolarment ir-retta alimentarja lill-esponenti skond kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

*3. Illi hija ma issib ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrenti*

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi AM xehdet ( fol 18) illi hija izzewġet lil RM fil-31 ta' Diċembru tal-1977 u li minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt itfal, it-tnejn maġorenni, u jaħdmu. Iz-zwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw legalment. Minn dak in-nhar tas-separazzjoni ma kienx hemm rikonċiljazzjoni, il-manteniment dejjem ingħata u għalhekk ma hemmx arretrati f'dan ir-rigward.

Illi RM xehed bl-affidavit ( fol 20) u ikkonferma ukoll dak li xehdet AM.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Diċembru tas-sena 1977 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum maġorenni;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (fol 3). Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunza il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mil-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**